**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 2 ta' Diċembru 2021

Rikors Numru: 92/2020 AL

**A B**

**vs**

**L-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello li permezz ta' Digriet datat l-24 ta' Ġunju 2020 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D B B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 300/2010)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet izzewġu nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u għaxra fir-Reġistru taz-Zwieġ, il-Belt Valletta, kif jirrizulta miċ-Ċertifikat taz-Zwieġ tagħhom mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok. A'.*

[1] Fol. 1 – 9.

2. *Illi qabel iz-zwieġ tal-partijiet twieled il-minuri Farouk E B B nhar il-ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010). Iċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri huwa anness u mmarkat bħala 'Dok. B'.*

3. *Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba illi z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba sevizzi, moħqrija, theddid, eċċessi u inġurja gravi da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenti, kif uoll minħabba il-fatt illi l-intimat telaq minn Malta, u ilu nieqes minn pajjizna sa mill-erbgħa u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Għalhekk il-ħajja tal-kontendenti flimkien m'għadhiex aktar possibbli.*

4. *Illi l-esponenti ġiet awtorizzata illi tintavola dawn il-proċeduri permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, li jinsab mal-prezenti anness u mmarkat bħala 'Dok C'.*

5. *Illi r-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u għalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u previa kull provvediment ieħor li din l-Onor. Qorti jidrilha huwa xieraq u opportune fiċ-ċirkostanzi, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-intimat, u minħabba li z-zwieġ tkisser irrevokabilment.*

2. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Farouk E B B f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, saħħa u deċizjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat.*

3. *Tordna illi l-attriċi tingħata is-setgħa esklussiva ta' ġenitur għal dak kollu li jikkonċerna il-minuri Farouk E B B.*

4. *Tordna illi r-residenza tal-minuri Farouk E B B tkun mal-omm.*

5. *Tordna illi l-minuri Farouk E B B ikun domiċiljat f'pajjizna.*

6. *Tordna illi kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri Farouk B B jingħata lir-rikorrenti.*

7. *Tillikwida u tiffissa manteniment globali ghall-minuri u dan sakemm l-istess jagħlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeċiedi li jieqaf mill-istudji tiegħu u jibda jaħdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u għoxrin sena jekk jiddeċiedi li jkompli bl-istudji tiegħu fuq bazi full-time u konsegwentament tordna lill-intimat sabiex iħallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana billi tali somma hekk iffisata tkun tinkorpora wkoll is-sehem tal-intimat għal nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri.*

8. *Tordna li l-imsemmi manteniment jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ tal-intimat, mill-impjieg jew xogħol li hu għandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji soċjali li huwa jista' jkun qed jirċievi minn zmien għal zmien.*

9. *Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri Farouk B B, inkluz programm ta' aċċess għall-missier, liema aċċess għandu jiġi ezerċitat f'kaz li l-missier jerġa' jirritorna lura Malta.*

10. *Tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull jedd għall-manteniment tiegħu skond il-Liġi.*

11. *Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni, taqsamha f'zewġ porzjonijiet u tassenja waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimat, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess kommunjoni, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapresenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.*

12. *Tiddikjara l-fond X, XX, Floriana, liem fond serva bħala d-dar matrimonjali, huwa propjeta' parafernali tal-attriċi.*

13. *Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili.*

14. *Tordna lill-intimat sabiex iħallas jew jikkonsenja lill-esponenti skond il-kaz il-krediti u propjeta' parafernali tagħha skond il-kaz.*

15. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreverti għal kunjomha xebba.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat inġunt minn issa stess in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi wara talba da parti l-attriċi, il-Qorti permezz ta' digriet datat l-24 ta' Ġunju 2020, innominat lill-Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u lill-Prokuratur Legali Gerald Bonello bħala kuraturi għall-finijiet kollha tal-liġi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut;[2]

Rat li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikai bl-atti tal-kawza,[3] u li ġietipprezentata minnhom risposta nhar is-16 ta' Settembru 2020. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tara illi din ir-risposta xorta waħda ġiet ipprezentata tardivament, ċjoe' oltre t-terminu ta' għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, kif stabbilit f'Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk il-konvenut kif rapprezentat mill-kuraturi deputati jinsab fi stat ta' kontumaċja;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[4]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar it-23 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, liema fakolta' ingħatat ukoll lill-konvenut kontumaċi u dan abbazi tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12

[2] Fol. 9.
[3] Fol. 12.
[4] Fol. 16.

tal-Liġijiet ta' Malta;[5]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[6]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[7]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li D B B ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluz li l-konvenut ddekada mid-dritt tiegħu għall-manteniment minn għand l-attriċi;

3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, l-aċċess, ir-residenza, id-domiċilju, u l-manteniment għall-minuri Farouk E B B, u kif ukoll is-setgħa tal-ġenitur;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

5. Tillikwida u tassenja l-assi u l-krediti parafernali tal-attriċi;

---

[5] Fol. 66.
[6] Fol. 75.
[7] *Ibid.*

6. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha *'G'*.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:

*Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tispjega li ltaqgħat mal-konvenut nhar l-4 ta' Frar 2008 waqt li kienet il-Belt ma' ħabiba tagħha fil-Karnival, u minn dakinhar bdew joħorġu flimkien. Dak iz-zmien l-attriċi tgħid li kien għad kellha sittax-il (16) sena u l-konvenut kien jinsab Malta bħala immigrant irregolari. Matul l-għerusija tagħhom u għal ħabta ta' Mejju/Ġunju 2009, il-konvent talab lill-attriċi sabiex tizzewġu u li kellu x-xewqa jmur jara lil familtu ġewwa l-Ghana, izda l-attriċi kienet irrifjutat għaliex fil-fehma tagħha kienet għadha wisq zgħira hekk kif lanqas kien għad kellha tmintax-il (18) sena.

Konsegwentament, f'Lulju 2009, l-attriċi tispjega li kienet ħarġet tqila, u nhar il-5 ta' April 2010 twieled il-minuri Farouk E B B. L-attriċi tgħid illi meta ħarġet tqila, il-konvenut kien għamel xenata sħiħa, izda tkompli billi tallega li sentejn wara l-konvenut kien ammetta magħha li huwa kien proprju ppjana li jtaqqal lill-attriċi. Matul it-tqala, il-konvenut reġa' semma' il-kwistjoni ta' zwieġ, tant li beda jinsisti li peress li kienet tqila, kien jagħmel sens li huma jizzewġu. Fil-fatt l-attriċi tikkonferma li darba minnhom waqt it-tqala, il-konvenut kien qal lill-attriċi li jekk ma tizzewġux huwa kien lest li jitlaq Sqallija u jħalliha waħedha bil-wild. Dan il-kliem kien ta' xokk għall-attriċi, izda eventwalment il-konvenut kellem lil omm l-attriċi u bdew il-preparamenti taz-zwieġ. Il-partijiet izzewġu nhar l-24 ta' April 2010 wara li twieled il-minuri, izda ma għamlux riċeviment.

L-attriċi tgħid illi dak iz-zmien ma kienetx konsapevoli tal-pass li kienet ser tagħmel stante l-eta' tenera li kellha, izda tammetti illi *"jien kont izzewiġt sempliċiment għat-tifel, u biex it-tifel ikollu missieru Malta. Xtaqt li missieru jibqa' Malta u b'hekk it-tifel jitrabba f'familja. Ma rridx li Farouk jitrabba' mingħajr missier, u jien ħsibt li biz-zwieġ jien kont se nzommu Malta"*.[8] Barra minn hekk l-attriċi tgħid ukoll illi qabel ma zzewġu kienet rat ritratt tal-konvenut jizfen ma' tfajla oħra u minkejja li l-attriċi tgħid li kkonfrontat lill-konvenut dwar dan, huwa nnega din l-allegazzjoni. Magħdud ma' dan, l-attriċi tispjega ukoll illi darba kienet sabet *chats* fuq il-pjattaforma soċjali *skype* ma' persuna mir-

[8] Fol. 16.

Repubblika Ċeka, f'liema *chats* il-konvenut kien qal li jismu Frank u kien hemm diversi kliem u frazijiet ta' imħabba. Għalhekk l-attriċi bdiet tokorha għajnejha, u darba fost l-oħrajn il-konvenut irċieva ittra fl-indirizz ta' omm l-attriċi, stante li huwa kien qaleb l-indirizz tiegħu hemmhekk taparsi kien jgħix magħhom, u din l-ittra ma kienet xejn ħlief *transaction* minn bank barrani ta' €150. L-attriċi għal darb' oħra kkonfrontat lill-konvenut dwar dan, izda baqa' jsostni li qatt ma għamel xejn ħazin u lu huwa kien innoċenti.

Jiġi spjegat illi tul l-għerusija u meta twieled il-minuri, l-attriċi baqgħat tgħix fid-dar ta' ommha ġewwa l-Furjana, filwaqt li tikkonferma ukoll li kienet għadha studenta l-MCAST mentri l-konvenut kien jaħdem bħala *delivery man* ma' kumpanija tal-*eletronics*. Jirrizulta li anke wara li twieled it-tifel u l-partijiet izzewġu, l-attriċi baqgħat tgħix ma' ommha. Matul dan iz-zmien l-attriċi tgħid illi għalkemm il-konvenut kien iġib miegħu xi ikel, huwa ma kienx jipprovdi finanzjarjament għaliha jew għat-tifel, u b'hekk l-attriċi kienet kostretta li tgħaddi bl-istipendju u bil-ħlas ta' *work placements*, filwaqt li kienet tgħinha ukoll ommha. Sussegwentament u għal ħabta tal-aħħar tas-sena 2011 u l-bidu tas-sena 2012, il-partijiet flimkien mal-minuri marru jgħixu flimkien ġewwa l-fond bl-indirizz *"X, XX, Floriana"*, fejn kellhom iħallsu s-somma ta' €280 fis-sena bħala kirja. Nonostante li l-partijiet bdew jgħixu flimkien bħala familja, l-attriċi tikkontendi li l-konvenut ma riedx jagħti sehmu fil-kirja tal-fond matrimonjali in vista li allegatament huwa xorta waħda baqa' jzomm il-post l-ieħor li kien jgħix fih bħala prekawzjoni f'kaz li l-attriċi tkeċċih mid-dar matrimonjali. Barra minn hekk, l-attriċi tgħid illi fil-bidu li huma bdew jgħixu flimkien, fi tlett (3) okkazjonijiet, il-konvenut kien qal lill-attriċi illi hekk kif huwa jkun eleġibbli għal passaport huwa kien ser jitlaq minn Malta.

Jingħad illi hekk kif l-attriċi telqet mid-dar ta' ommha, din bdiet taħdem mal-ewwel stante li kienet taf li ma kienx ser ikollha għajnuna finanzjarja da parti l-konvenut. Fil-fatt tgħid illi fil-prezent taħdem maz-zija tagħha fil-ħanut C & M Borg ġewwa l-Ħamrun, u nelfrattemp ommha zzommilha t-tifel. Matul iz-zwieġ, il-partijiet dejjem għixu l-istess ħajja, ċjoe' mill-paga tal-attriċi jgħixu l-attriċi u l-minuri, filwaqt li l-konvenut jgħix bil-introjtu tiegħu. Tispjega ukoll li matul dan iz-zmien, l-attriċi telgħat darbtejn il-Ghana, filwaqt li l-minuri tela' iktar drabi ma' missieru biss, fejn saħansitra darba minnhom dam xahrejn. Madanakollu kien hemm drabi oħra fejn il-konvenut mar il-Ghana waħdu, fejn normalment kien imur il-Ghana madwar darbtejn fis-sena.

Matul iz-zwieġ, l-attriċi tgħid illi soffriet minn vjolenza domestika severa pperpetrata mill-konvenut waqt argument, fejn refa' jdejh fuq il-persuna tal-attriċi b'mod gravi. Minkejja li kienet ċemplet 112, l-attriċi tallega li ma sabitx għajnuna. Tul ir-relazzjoni tal-partijiet, inkluz fl-għerusija, minn dejjem kien jezisti ġlied ikrah bejn il-partijiet, liema ġlied xi drabi kien ikun akkumpanjat bi vjolenza da parti l-konvenut, fejn l-attriċi allegatament ġieli qalat xi daqqa ta' zarbuna u ġieli ratu jkisser xi affarijiet. Barra minn hekk, l-attriċi tispjega li kull meta l-partijiet joħorġu flimkien, il-konvenut kien dejjem igorr u jkun fuq qalbu. Fil-fatt tagħti rendikont ta' x'kien ġara darba minnhom meta kienu sejrin għal festa ta' San Ġiljan flimkien. Dakinhar meta waslu San Ġiljan, ma setgħux isibu parkeġġ u l-konvenut beda jgorr. L-attriċi tgħid illi kienet ikkonfrontatu li meta jkun magħha u binhom dejjem igorr u jagħmel kollox kontra qalbu, u per konsegwenza l-festa ma marrux u marru lura d-dar. Hekk kif waslu, jingħad illi l-konvenut kisser il-bieb tal-antiporta u l-ħġieġ.

L-attriċi tgħid illi kienet ilha mdejqa f'din il-ħajja, anzi addirittura tisħaq illi *"pero' kont inkun looking forward għall-perjodi li huwa ma jkunx Malta. Iz-zmien li ma kienx ikun Malta, kien ikun nifs għalija mill-ħajja kerha li kellna flimkien. Kont nipprova nissaporti kemm niflaħ minħabba it-tifel"*. Fil-bidu tas-sena 2019, wara li l-konvenut kien irritorna lura Malta mill-Ghana, l-attriċi kienet tal-fehma illi ma kelliex tkompli tgħix f'din il-ħajja, hekk kif ir-relazzjoni tagħhom kienet ilha li spiċċat minn dakinhar li l-konvenut kien refa' jdejh fuqha. Fi Frar 2019, il-konvenut tela' waħdu l-Ingilterra għal ħamest' (5) ijiem u matul dan il-perjodu, kien wasal id-dar *statement* bankarju tal-*visa card* tal-konvenut. Mit-transazzjonijiet imnizzla fl-i*statement* bankarju, l-attriċi nnutat ċertu *subscriptions* li kellu l-konvenut u għaldaqstant daħlet fl-*emails* tiegħu fejn skopriet li kellu *subscription* fuq *website* bl-isem ta' *'Be Naughty'*. Għaldaqstant l-attriċi daħlet fuq din il-*website* u setgħat tara li l-konvenut kellu diversi *chats* ma' diversi nisa. Mill-i*statement* bankarju, l-attriċi setgħat tikkonferma li l-konvenut nefaq is-somma ta' mitejn ewro (€200) fuq medda ta' ħames (5) xhur fuq din is-*subscription* partikolari. Meta wasal lura mill-Ingilterra, l-attriċi kkonfrontat lill-konvenut dwar dan kollu u saħqet miegħu li l-Ingilterra mar għal skopijiet tiegħu. Madanakollu l-konvenut għal darb' oħra nnega dan kollu u saħaq li l-*visa card* kien uzahha ħabib tiegħu.

Din ma kienetx l-ewwel darba li l-attriċi sabet li zewġha kellu ħbiberiji ta' natura fizika ma' nisa oħra, hekk kif fis-sena 2016, l-attriċi kienet rat konversazzjoni li l-konvenut kellu ma' persuna li kellha numru ta' ċGari rreġistrat il-Ghana, fejn il-konvenut kien bagħat messaġġ bil-kliem *"I miss you"*. Meta kien ikkonfrontat, il-konvenut kien saħaq li dan il-messaġġ kien mibgħut lil oħtu. Darba oħra fis-sena 2017, l-attriċi rrispondiet telefonata li daħlet fuq it-*tablet* tal-konvenut għal ħabta ta' nofs il-lejl, liema telefonata daħlet min numru li kien *saved* taħt isem ħu l-konvenut. Madanakollu, l-attriċi tgħid li kienet semgħat leħen ta' mara. L-attriċi mill-ġdid ikkonfrontat lill-konvenut, izda dan ċaħad kollox, anzi saħaq li dik il-mara kienet l-għarusa ta' ħuh. B'hekk l-attriċi qaltlu biex iċempel lil ħuh quddiemha, izda ħu l-konvenut nnega kollox u konsegwentament l-konvenut beda jiġġieled ma' ħuh.

Fil-fehma tal-attriċi, ir-relazzjoni tal-partijiet kienet ilha għaddeja minn probemi, tant li fl-2014 l-attriċi stess kienet bagħtet *email* fejn talbet l-għajnuna minn għand *marriage counsellor*, izda tali email qatt ma ġiet mwieġba. Għaldaqstant fl-2019, l-attriċi kienet deċiza li tibda separazzjoni minn zewġha. Il-ħsieb bejn il-partijiet kien li jilħqu ftehim bonarju, tant li qablu dwar dak kollu li huma jridu minn tali separazzjoni. Madanakollu, il-ftehim ma laħaqx ġiex ffinalizzat in vista li l-konvenut qabad u telaq minn Malta b'mod definittiv f'Novembru 2019. Fil-frattemp l-attriċi baqgħat tgħix fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri. L-attriċi ma tafx fejn jinsab il-konvenut, għalkemm jista' jkun li dan jinsab l-Ingilterra.

Sabiex tissostanzja l-verzjoni tagħha, l-attriċi tezebixxi:

i. Ic-*chat-logs* bejn il-konvenut u nisa oħra fuq il-*website* bl-isem ta' *'Be Naughty'* datati 15, 16 u 17 ta' Marzu 2019, liema konversazzjonijiet huma purament ta' natura sesswali;[9]

ii. Ic-*chat log* bejn il-konvenut u numru ta' ċGari ta' persuna mhux magħrufa, fejn il-konvenut bagħat messaġġ bil-frazi *"I miss you"* u l-persuna l-oħra bagħtet *"ok, cos its abt 3years when u said something like that to me, so am very surprise"*;[10]

[9] Fol. 23 – 30.
[10] Fol. 31.

iii. Kopja ta' *email* mibgħuta mill-attriċi lil moviment ta' Kana fuq l-indirizz eletroniku *'support@canamovement.org'*, meta kellha tlieta u għoxrin (23) sena, izda din l-*email* mhux datata, f'liema email l-attriċi titlob li tingħata għajnuna ta' *counsellor* minħabba z-zwieġ tagħha;[11]

iv. L-affidavit ta' ommha, F G, maħluf nhar il-31 ta' Diċembru 2020 u pprezentat permezz ta' nota nhar il-11 ta' Jannar 2021;[12]

v. L-affidavit ta' ħabiba tagħha, H I, maħluf u pprezentata permezz ta' nota nhar il-11 ta' Jannar 2021;[13]

vi. Dikjarazzjoni *causa mortis* datata 30 ta' Settembru 2019, li tikkonferma dak kollu li l-attriċi wirtet minn għand J K, inkluz il-fond li kien iservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.[14]

*Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Il-Qorti tirrileva li l-intimat assenti rapprezentat minn kuraturi deputati huwa kontumaċi f'dawn il-proċeduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-kaz odjern. Minkejja d-dritt li tiġi pprezentata nota ta' sottomissjonijiet, il-kuraturi deputati għan-nom tal-konvenut ma pprezentawx din in-nota.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew*

[11] Fol. 32, 33.
[12] Fol. 53.
[13] Fol. 56.
[14] Fol. 58.

*kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[15] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[16] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[17] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom"*, filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima"*.[18] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[19] *"il-*

[15]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[16]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[17]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[18]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[19]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

*vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[20]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[21]

*b.* *Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[22] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

[20] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[21] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **F Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[23] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn...".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*

Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fir-rigward tar-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ, il-Qorti hija tal-fehma illi z-zwieġ tal-partijiet tkisser minħabba moħqrija u inġurji gravi da parti l-konvenut. Jibda sabiex jingħad illi dak kollu li sar qabel iz-zwieġ ma huwiex ta' wisq relevanza għal din il-Qorti stante li din hija kawza ta' separazzjoni fejn dak li jinteressa lill-Qorti huwa proprju dak li seħħ matul iz-zwieġ li minħabba fih iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli.

Il-Qorti tara li mill-atti jirrizulta ampjament ċar illi l-attriċi rnexxielha tipprova sal-grad rikjest tal-liġi illi matul iz-zwieġ taghha mal-konvenut, il-konvenut kellu ċertu mġieba, atteġjamenti u modi li jwasslu għal moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi. Għalkemm il-provi huma skarsi, il-Qorti ma għandhiex raġuni valida għaliex f'dan il-kuntest ma temminx il-verzjoni ta' omm l-attriċi u l-ħabiba tagħha H I. Dawn l-affidavits jikkonfermaw il-verzjoni attriċi, u ċjoe' illi wara z-zwieġ tal-partijiet kollox baqa' l-istess,[24] fejn il-konvenut baqa' jgħix l-istess ħajja ta' ġuvni, tant li għall-ewwel sentejn miz-zwieġ l-attriċi flimkien mal-minuri baqgħu jgħixu ma' ommha,[25] filwaqt li l-konvenut baqa' jgħix ġo flat l-Imsida,[26] u ma jikkontribwixxix finanzjarjament għal familja tiegħu li kellu mal-

[23] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

[24] Ara l-affidavit ta' omm l-attriċi, a fol. 54: *"wara iz-zwieġ ma inbidel assolutament xejn: fis-sens li hekk kif spiċċajna miċ-ċerimonja, A u Farouk reġaw ġew għandi id-dar. Niftakar li dakinhar taz-zwieġ D lanqas biss ġie magħna id-dar, u lanqas filgħaxija ma kien ġie id-dar tagħna".*

[25] Ara l-affidavit ta' omm l-attriċi, a fol. 54: *"A u Farouk damu miegħi għal sentejn oħra fid-dar tal-Floriana. Bqajna bl-istess sistema u rutina, fis-sens li l-ispejjez tat-tifel kienet dejjem toħroġhom binti".*

[26] Ara l-affidavit ta' omm l-attriċi, a fol. 54: *"Wara iz-zwieġ niftakar li ġieli wassalt jien lil A bit-tifel fil-flat ta' D, l-Imsida".*

attriċi. Dan l-aġir indubjament ma huwiex wieħed mistenni minn raġel mizzewweġ u missier ta' iben.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll illi kemm omm l-attriċi, kif ukoll il-ħabiba H I, jikkonfermaw il-karattru aggressiv tal-konvenut,[27] liema tip ta' karattru serva ta' moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi. Il-Qorti ma tistgħax tinjora dak li saħqet fuqu omm l-attriċi u ċjoe' *"Mhux darba jew tnejn, kont nistenbaħ bil-lejl, u kont ninkwieta għal binti. Mhux darba li mort nipassiġġa barra, u nimxi sad-dar ta' A, u nissemma' minn wara il-bieb ħalla nara jekk kienx hemm ħsejjes jew għajjat"*,[28] liema kliem jikkonferma li bħala omm, F G kienet indubjament tinkwieta ferm għal *benessere* ta' bintha minħaba l-karattru tal-konvenut. Din il-Qorti hija tal-fehma li tali kliem għandhom jingħataw il-piz probatorju meritat, liema kliem iwasslu lill-istess Qorti għal konvinċiment morali li l-konvenut huwa bniedem aggressiv.

Madanakollu, għandu jiġi sottolinejat illi l-aggressivita' għandha tiġi definita bħala mod ta' kif wieħed iġib ruħu meta kkonfrontat b'ċertu sitwazzjonijiet. L-aggressivita' f'persuna tista' twassal għal biza' u skumdita' f'persuna oħra, għaliex jekk l-aggressivita' ma tiġix kontrollata din tista' twassal għal vjolenza. Għaldaqstant l-aggressivita' u l-vjolenza ma humiex sinonimi għal xulxin u b'hekk ma jistgħux jintefaw fl-istess keffa. Pero' għalkemm huma distinti minn xulxin, jista' jagħti l-kaz li l-aggressivita' tista' twassal għal vjolenza f'kaz li jkun hemm eskalazzjoni ta' argument. Fil-kaz odjern, l-attriċi tittenta tikkonvinċi lill-Qorti li l-konvenut huwa kemm aggressiv, kif ukoll vjolenti tant li sfat vittma ta' vjolenza domestika.[29] Minkejja li l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-konvenut għandu karattru aggressiv, xorta waħda tara li mill-atti ma jirrizultawx provi oġġettivi ta' vjolenza domestika. L-attriċi tallega episodji fejn il-konvenut kien vjolenti fizikament magħha,[30] izda f'dan ir-rigward ma ġewx ipprezentati l-ebda rapporti li saru mal-Pulizija, jew ċertifikati maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja. Il-Qorti ma tistgħax tiddeċiedi dwar il-vjolenza domestika b'mod leġġer u dan abbazi ta' allegazzjonijiet mhux ppruvati, izda l-Qorti tirribadixxi illi meta si tratta vjolenza domestika l-Qorti għandha tiġi pprezentata bi provi

[27] Ara l-affidavit ta' omm l-attriċi, a fol. 55: *"Il-mod ta' kif kien iġġib ruħu D ma tantx kien jogħġobni, u speċjalment kif ken iġġib ruħu ma' A. Għal kull ħaġa ta' xejn kien jgħolli leħnu, u ma kienx jogħġobni kif kien jirrabja. Huwa kien fih raġel, u ta' spiss kien jgħolli leħnu"*, u l-affidavit ta' H I, a fol. 56, fejn tagħti rendikont ta' episodju fejn kienet prezenti meta l-konvenut kien aggressiv, u ta' episodju ieħor li għalih hi ma kienetx prezenti izda ġiet mgħarrfa bih minn klijenta tal-ħanut li fih jaħdmu l-attriċi u hi stess.
[28] Fol. 55.
[29] Ara paragrafu numru 16 tal-affidavit tal-attriċi, a fol. 18.
[30] *Ibid.*

konkreti li jistabbilixxu b'mod inekwivoku li l-vjolenza pperpetrata hija ripettitiva u kostanti, u mhux xi att singolari u izolat.

Il-Qorti tara ukoll illi l-komportament tal-konvenut, apparti li wassal għal moħqrija, fil-fehma tal-Qorti wassal ukoll għal inġurji gravi. Dan qiegħed jingħad għaliex fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut kien egoist u moħħu biss fl-interessi tiegħu. Il-Qorti ma temminx li l-konvenut kien verament iħobb l-attriċi, izda din tal-aħħar jaf sfat vittma tal-pjanijiet ulterjuri li kellu f'moħħu l-konvenut. Dan jista jiġi kkorrabborat permezz tad-dubju kostanti li l-attriċi kellha fil-konvenut li kien qiegħed ikun infidil lejha. Fil-fatt l-attriċi telenka u f'xi istanzi ukoll tipprova permezz ta' *screenshots*, numru ta' episodji meta qabdet lill-konvenut ikellem xi nisa oħra.[31] Jirrizulta ukoll li fl-2014/2015, meta l-attriċi kellha tlieta u għoxrin (23) sena, kienet ukoll talbet l-għajnuna ta' *marriage councellor*,[32] u dan għal Qorti jistabbilixxi li z-zwieġ kien ilu sejjer lura minn dak iz-zmien. Mill-atti jirrizulta li l-attriċi ma bbazatx it-talba tagħha għal firda personali fuq Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili li jitratta l-adulterju, u huwa proprju għalhekk ukoll li din il-Qorti qiegħda ssib bazi għat-tkissir taz-zwieġ fuq inġurji gravi, għaliex *oltre* l-vjolenza domestika, il-ġurisprudenza nostrana tirritjeni li *"L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali"*.[33] Fil-kaz odjern u mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti, ma hemm l-ebda xrara ta' dubju li matul iz-zwieġ tagħhom, il-konvenut kien adulteruz fil-konfront tal-attriċi. Biss biss, jekk wieħed jara c-*chat log* tal-14 ta' Marzu 2016,[34] wieħed jista' jasal għal konkluzjoni li l-konvenut kien ilu jkun infidil lejn martu sa mill-2013, hekk kif il-persuna li magħha kien qiegħed jikkorrispondi l-konvenut, wieġbet hekk għall-messaġġ *"I miss u"* tal-konvenut - *"cos its abt 3years when you said something like that to me"*.

Fir-rigward ta' abbandun mid-dar matrimonjali, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda dubju u dan abbazi tal-provi li għandha quddiemha, li r-raġuni ewlenija għaliex iz-zwieġ tkisser huwa minħabba l-komportament tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi. Il-Qorti ma hijiex konvinta jekk il-kwistjoni odjerna tistgħax tiġi klassifikata bħala abbandun volontarju u mhux ġustifikat skont il-parametri tal-liġi, hekk kif mill-atti jirrizulta li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali

[31] Ara paragrafu 9, 18, 20 u 21 tal-affidavit tal-attriċi, a fol. 17, 19, u dokumenti ezebiti a fol. 23 – 31.
[32] Fol. 32 -33.
[33] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[34] Fol. 31.

wara li l-partijiet kienu qablu li jisseparaw, tant li l-attriċi stess tikkonferma li l-konvenut mar magħha għand l-Avukat f'Settembru/Ottubru tas-sena 2019, u dan qabel ma huwa telaq minn Malta f'Novembru 2019.[35] In vista ta' dan, il-Qorti ma tinsabx konvinta li l-konvenut abbanduna lil martu u d-dar matrimonjali, izda it-tluq tiegħu mid-dar matrimojali kienet iktar il-konsegwenza tal-qbil bejniethom li jinfirdu minn xulxin.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li z-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u qed issib lill-konvenut ħati ta' moħqrija u nġurji gravi fil-konfront ta' martu.

## 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha, *in toto* jew *in parte*, id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut huwa ħati għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba moħqrija u nġurji gravi fil-konfront ta' martu. Il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi, u l-komportament in ġenerali tal-konvenut matul iz-zwieġ tiegħu mal-attriċi, hija ser tgħaddi sabiex tuza d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba attriċi billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut, inkluz li bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment minn għand l-attriċi.

---

[35] Ara paragrafu 23 tal-affidavit tal-attriċi, a fol. 19 – 20.

## 4. Il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri, u s-Setgħha tal-Ġenitur:

Miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieled tifel, bl-isem ta' Farouk E B B, nhar il-5 ta' April 2010.[36] Dan ifisser illi fil-prezent, il-minuri għandu ħdax-il (11) sena, u b'hekk huwa minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-minuri turi li l-kura u kustodja tal-minuri, u kif ukoll is-setgħa tal-ġenitur, ġew regolati permezz ta' digriet datat 13 ta' Awwissu 2021, fejn dawn fil-prezent jinsabu esklussivament fdati f'idejn l-attriċi.[37] Madanakollu mill-atti ma jirrizultax li l-manteniment għal minuri qatt ġie rregolat b'mod formali.

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Setgħa ta' Ġenitur, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[38] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[39] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

[36] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid, a fol. 6.
[37] Fol. 73.
[38] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[39] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[40] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[41] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[42] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[43] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>*setgħa tal-ġenitur*</u>, il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat *"Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri"*. Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma*

[40] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[41] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[42] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[43] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieb tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".* Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jipu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, izda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiz-zwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċjoe' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux mizzewġin *o meno.*

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex

jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern*</u>

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri fil-prezent hija kienet fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi. L-istess irid jingħad fir-rigward tas-setgħa tal-ġenitur fil-konfront tal-istess minuri.

Il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li saħqet l-attriċi, hekk kif fl-affidavit tagħha tgħid illi *"27. peress li it-tifel dejjem ħadt ħsiebu, peress li t-trobbija tiegħu u dak kollu li kellu bzonn dejjem jien ħadt ħsiebu, nitlob lil din il-Qorti tordna illi l-awtorita'*

*tal-ġenitur, kura u kustodja tat-tifel Farouk B B tkun f'idejja. Qiegħda nagħmel din it-talba anke fid-dawl tal-fatt illi l-missier huwa nieqes minn Malta, u ilu hekk nieqes sa minn Novembru tas-sena 2019. 28. Nippreciza pero' illi missieru ġieli ċempel lit-tifel Farouk fuq il-mobile tiegħu, minn Novembru 2019 'l quddiem".*[44] Il-Qorti rat illi dak allegat mill-attriċi ġie konfermat permezz ta' provi suffiċjenti, u b'hekk huwa kristallizat li l-attriċi dejjem kienet hi li tieħu ħsieb lill-minuri, u kompliet tagħmel dan b'mod esklussiv waħedha wara li l-konventut telaq minn Malta f'Novembru 2019.

F'kaz simili għal dan odjern, senjatament fis-sentenza fl-ismijiet **Carol Montebello vs Dr Helga Buttigieg et noe**,[45] il-Qorti rribadiet illi dan it-tip ta' aġir *"huwa wieħed li jirrispekkja disinteress u nuqqas ta' volonta' li wieħed jinvolvi ruħu b'mod adegwat fit-trobbija ta' uliedu stess. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħlu f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-modus vivendi, anzi bil-wisq tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lill-uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur ieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied u jgħix ħajja oħra".* Għalkemm fil-kaz odjern, l-attriċi kkonfermat li l-konvenut ġieli ċempel lil minuri, dan xorta ma huwiex bizzejjed. Il-Qorti tistenna li l-konvenut jimpjena ruħu sabiex ikun f'kuntatt telefoniku u kif ukoll fiziku, b'mod kontinwu u kostanti ma' ibnu, u dan anke jekk jagħzel li jgħix f'pajjiz ieħor minn dak li fih qiegħed jirrisjedi l-minuri.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Luke Anthony Cauchi vs L-Avukat Benjamin Valenzia et noe**,[46] fejn f'sitwazzjoni fejn il-konvenuta kienet assenti u abbandunat lil minuri, il-Qorti saħqet illi *"mil-liġi wieħed jista' faċilment jiddeduċi illi ċ-ċaħda tal-awtorita' tal-ġenitur għandha titqies bħala l-eċċezzjoni għar-regola, u b'hekk sabiex talba ta' din in-natura tiġi akkolta jenħtieġ raġunijiet ferm gravi u serji. Fid-dawl tal-provi miġjuba fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenuta stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad*

[44] Fol. 20.
[45] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar l-24 ta' Ġunju 2021, mhux appellata.
[46] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-7 ta' Jannar 2021, mhux appellata.

*rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenuta jibqa' jkollha xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' se mai tista' tintuza fil-futur sabiex tieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attur u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attur li ħa ħsieb lill-minuri, mantnieha u edukaha fl-assenza tal-konvenuta".*

B'applikazzjoni ta' dak li ġie mgħallem minn din il-Qorti stess fis-sentenzi surreferiti għal kaz odjern, il-Qorti hija tal-fehma li: (i) il-minuri daħal f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti, u (ii) fid-dawl tal-fatt li l-konvenut qabad u telaq minn Malta mingħajr ma kkunsidra l-interessi tal-minuri, hemm lok li jiġu applikati subinċiz (a) u (e) tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi ġialadarba l-konvenut abbanduna lil ibnu u ħalla lill-attriċi tfendi waħedha biex tmantni u tgħajjex lill-istess minuri, il-kura u kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, u s-setgħa tal-ġenitur għandha wkoll tkun vestita esklussivament fl-attriċi biss, b'dana illi l-konvenut jiġi zvestit mill-awtorita' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan konsegwentament ifisser illi l-minuri għandu jkompli jgħix mal-attriċi, u b'hekk ir-residenza u domiċilju tal-minuri għandu jkun ġewwa Malta, filwaqt li l-attriċi tkun awtorizzata tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti li jinkludu izda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi.

Fir-rigward tal-aċċess, il-Qorti tinnota li l-attriċi tirrileva fl-affidavit tagħha illi *"f'kaz li Hussein jirritorna lura Malta u Farouk ikun jixtieq jara lil missieru, nitlob li din il-Qorti takkorda aċċess fi tmiem il-ġimgħa bi sleepover wieħed fuq bazi alternate darba mill-Ġimgħa għas-Sibt u darba mis-Sibt għall-Ħadd. Ma nixtieqx li jkun hemm aċċess fost il-ġimgħa peress li dejjem jien ħadt ħsieb il-homework tat-tifel u l-istudju tiegħu minkejja li dejjem ħdimt barra id-dar.*

*Missieru qatt ma qagħdt ma' ibnu għall-homework u studju, u ma nimmaġinax I se joqgħod miegħu issa. Ma nsibx diffikulta' ill jkun hemm aċċess fost il-ġimgħa fix-xhur tas-Sajf".*[47] Madanakollu jidher li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi bidlet fehmtha u rrilevat illi *"jkun fl-aħjar interess tal-minuri, illi f'kaz illi l-missier, jirritorna lura Malta u jitlob li jezercita xi access ghall-ibnu, ikun ghaqli illi f'dak l-istadju wiehed jara jekk hux fl-interess ta' Farouk illi jkun hemm xi access, u jekk iva, x'programm ta' access ghandu jigi ezercitat".*[48] Il-Qorti tara li mill-atti jirrizulta li l-minuri ilu ma jara jew jikkomunika sew ma' missieru għal zmien twil. Ma huwiex magħruf f'dan l-istadju f'liema pajjiz jinsab jirrisjedi l-konvenut. Il-fatt li tezisti possibilita' li l-konvenut jinsab barra minn Malta, jagħmilha ferm diffiċli għall-minuri sabiex jarah b'mod fiziku, imma ma hemm xejn milli jimpedixxi lill-konvenut milli jikkomunika miegħu eletronikament u jarah virtwalment b'mod frekwenti u kostanti.

Il-Qorti tirribadixxi illi minuri għandu d-dritt li jgawdi kemm lil ommu u kif ukoll lil missieru, u m'għandhux jiġi mċaħħad minnhom jekk mhux abbazi struzzjoni professjonali. B'hekk, f'kawzi ta' din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita' li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni. Madanakollu, il-Qorti taqbel mal-attriċi illi f'kaz li l-konvenut jirritorna lura Malta sabiex jirrisjedi hawnhekk b'mod permanenti, huwa għandu jagħmel talba appozita sabiex qabel ma jsir kwalunkwe aċċess, issir evalwazzjoni minn professjonisti fil-qasam jekk tali aċċess ikunx fl-interess tal-minuri li jibda jiġi ezerċitat. Għaldaqstant u tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju u *rebus sic stantibus*, tipprjobixxi illi jsir aċċess b'mod fiziku bejn il-minuri u l-missier, madanakollu l-Qorti tara li l-minuri għandu jkun liberu li jekk irid hu jikkomunikaw b'mod eletroniku ma' missieru u jarah b'mod virtwali, u dan tenut kont li fil-prezent il-minuri għandu ħdax-il (11) sena.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħix ma' ommu, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tikkontendi illi *"31. Għar-rigward ta' Farouk, nitlob pero' deċizjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward, bit-tama li jekk xi darba Hussein jirritorna lura Malta, jien inkun f'pozizzjoni li nenforza tali sentenza. 32. Minħabba li l-missier mhux se jikkontribwixxi għal ispejjez ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, peress li mhux Malta, nitlob li din il-Qorti tifissa somma globali ta'*

[47] Fol. 20.
[48] Fol. 83.

*manteniment għal Farouk. (...) 34. Nemmen li is-somma ta' Eur300 fix-xahar bħala somma globali għal manteniment ta' Farouk hija somma ġusta".*[49] Konsegwentament fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tgħid illi *€teut kont tal-fatt illi l-intimat telaq minn pajjizna, l-attriċi titlob illi din l-Onor. Qorti għandha tiffissa manteniment globali ghall-minuri fis-somma ta' tlett mija u hamsin Ewro (350Eur) fix-xahar".*[50]

Fid-dawl tas-suespost u fiċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' (4) ġimgħat għal Farouk E B B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Magħdud ma' dan, tali manteniment għandu jiġi depozitat direttament lil attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal Farouk E B B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri.

5. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar l-24 ta' April 2010, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

[49] Fol. 21.
[50] Fol. 82.

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjonii tal-Istess*

Fir-rigward ta' proprjeta' u/jew dar matrimonjali, il-Qorti tinnota li fiz-zwieġ ma jidhirx li saru transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta'. Madanakollu l-attriċi tipprezenta dikjarazzjoni ta' *causa mortis*, li tistabbilixxi dak kollu li wirtet mid-decujus J K, inkluz id-dar li kienet isservi ta' dar matrimonjali tal-partijiet, ċjoe' *"2, Sqaq Harper, Furjana"*.[51] Għaldaqstant u għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tiddikjara li dan il-fond ma għadux iservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u li l-fond in kwistjoni, inkluz l-assi kollha li l-attriċi wirtet, huma assi parafernali tagħha, bil-konsegwenza li l-konvenut ma għandu l-ebda jedd fuqhom. Għal kull buon fini il-Qorti tara li fir-rigward ta' krediti u proprjetajiet parafernali, dawn kollha jinsabu fil-pussess tal-attriċi, u b'hekk ma jirrizultax li l-konvenut għandu jħallas jew jikkonsenja lura lill-attriċi krediti jew assi li huma parafernali tagħha.

Fir-rigward tal-mobbli li jinsabu ġol-fond bl-indirizz *"X,X, Furjana"*, il-Qorti tordna li dawn għandhom jiġu kollha assenjati lill-attriċi, tenut kont tal-fatt li ġie kkonfermat li kull spiza saret mill-attriċi nnifisha bil-għajnuna ta' omm l-attriċi u n-nanna tagħha.[52] Għalkemm il-prova li għandha quddiemha l-Qorti hija suġġettiva, il-Qorti hija tal-fehma li dawn għandhom jibqgħu jappartjenu lill-attriċi stante li r-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ tirrisjedi unikament fil-konvenut.

Fir-rigward tal-vetturi, il-Qorti tara li jezistu zewġ vetturi li fil-prezent jinsabu reġistrati fuq isem il-partijiet, u ċjoe': (i) karozza tat-tip Hyundai i10 bin-numru ta' reġistrazzjoni BCF-913, irreġistrata fuq isem l-attriċi,[53] u (ii) mutur tat-tip Keeway Logik bin-numru ta' reġistrazzjoni FCM-536, irreġistrat fuq isem il-konvenut.[54] Barra minn hekk il-Qorti tara ukoll illi bħala vetturi passati, l-attriċi kellha fuq isimha zewġ vetturi oħra, ċjoe': (i) karozza tat-tip Nissan X-Trail bin-

[51] Fol. 58.
[52] Ara paragrafu 38 tal-affidavit tal-attriċi, a fol. 21, u paragrafu 16 fl-affidavit ta' omm l-attriċi, a fol. 55.
[53] Fol. 41, 45.
[54] Fol. 49, 50.

numru ta' reġistrazzjoni LCN-026 u dan għal perjodu bejn it-23 ta' Jannar 2019 sal-21 ta' Marzu 2019,[55] u (ii) karozza tat-tip Toyota Rav 4 bin-numru ta' reġistrazzjoni LCQ-068 u dan għal perjodu bejn l-14 ta' Frar 2020 u l-25 ta' Frar 2020.[56]

Il-Qorti qiegħda tassenja l-vettura Hyundai i10 bin-numru ta' reġistrazzjoni BCF-913 lill-attriċi, u l-mutur tat-tip Keeway logic bin-numru ta' reġistrazzjoni FCM-536 lill-konvenut. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li kien ikun idoneju li kieku l-attriċi tat rrendikont dwar iz-zewġ vetturi passati li kellha fuq isimha għal perjodu qasir, madanakollu dan ma sarx.

## 6. Kunjom Xbubit l-Attriċi:

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe' *'G'*. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE:

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva tal-konvenut, filwaqt li tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 300/2010 u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' talba attriċi, u dan skont il-provvediment tar-raba' (4) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'Il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri, u s-Setgħha tal-Ġenitur'*;

3. Tilqa' l-għaxar u tlettax-il talba attriċi, u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kkontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili u

[55] Fol. 46.
[56] *Ibid.*

tipprosegwi billi tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

4. Tilqa' il-ħdax u tnax-il talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, filwaqt li tillikwida, tiddividi u tassenja l-istess komunjoni skont il-provvediment tal-ħames (5) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*; izda tastjeni milli tinnomina nutar u kuratur għal tali fini;

5. Tiċħad l-erbatax-il talba rigward ħlas jew konsenjament ta' krediti u proprjeta' parafernali lill-attriċi;

6. Tilqa' il-ħmistax-il talba u tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha *'G'*.

L-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.